MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2005

Numru 223/2005

(spettur Carmelo Abdilla)
vs
Jamie Caruana

Illum 11 ta' Marzu 2005

Il-Qorti

Rat l-akkuzi migjuba mill-pulizija kontra l-akkuzat u dan talli f'dawn il-gzejjer fid-9 ta' Marzu 2005 ghal habta ta' xi tmienja ta' fil-ghaxija (8.00pm) gewwa Farmhouse li tinsab fi Triq il-Ballal san Gwann:
1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi, li jgibu sfregju permanenti fil-wicc, kif gie iccertifikat mit-tabib Dr R Grixti MD mill-isptar san Luqa, liema feriti gew ikkawzati permess ta' strument li jaqta jew inigges fil-gisem ta' Anthony Borg.

2. Kellu f'idejh jew fuqu sikkina (mus) ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
3. Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Semghet lill-akkuzat, minn jeddu, jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Issibu hati talli f'dawn il-gzejjer fid-9 ta' Marzu 2005 ghal habta ta' xi tmienja ta' fil-ghaxija (8.00pm) gewwa Farmhouse li tinsab fi Triq il-Ballal san Gwann:
1.Minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi, li jgibu sfregju permanenti fil-wicc, kif gie iccertifikat mit-tabib Dr R Grixti MD mill-isptar san Luqa, liema feriti gew ikkawzati permess ta' strument li jaqta jew inigges fil-gisem ta' Anthony Borg.
2. Kellu f'idejh jew fuqu sikkina (mus) ta' kull xorta li tkun b'xafra bil-ponta jew strument iehor bil-ponta minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.
3. Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies, bi hsejjes jew ghajjat jew b'mod iehor.

Rat l-artikoli 214, 216, 338 (mm) tal-Kapitolu 9, kif ukoll l-artikolu 13 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-akkuzat. Semghet il-prosekuzzjoni tik-konferma li l-akkuzat ikkollabora pjenament fl-invesitgazzjoni ta' dan il-kaz.

In rigward piena, wara li l-Qorti rat il-fedina penali tal-akkuzat, li hi netta ghal kollox, hlief ghal xi akkuzi ta' natura kontravenzjonali u li jinvolvu ksur ta' regolamenti tat-traffiku, B'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tikkundanna lill-akkuzat ghal piena ta' sentejn prigunerija sospiza ghal erba' snin bil-kundizzjoni li l-akkuzat ma jikkommettiex reat iehor suggett ghal prigunerija ghall-istess perjodu ta' erba' snin.

Il-Qorti spjegat l-effeti ta' din is-sentenza lill-istess akkuzat.

Il-Qorti giet informata li l-arma imsemmija f'dawn l-akkuzi ma gietx esebita in atti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------